MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1749/1999/1

***Hugh P. Zammit ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Galdes & Mamo Limited u din in rapprezentanza tal-kumpanija assikuratrici estera Royal International Insurance Holdings Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Vella sija bil-polza sija bil-ligi – u l-istess Joseph Vella; u b' nota prezentata fis-27 ta' Mejju 2003 is-socjeta' Gasan Mamo Insurance Limited assumiet l-atti kollha tal-kawza odjerna bhala attur, minflok is-socjeta' GasanMamo Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta' assikuratrici estera CGU Insurance plc.***

***vs***

***Brandon Sammut; u b' digriet tas-26 ta' Ottubru 1999 interjeniet fil-kawza Middle Sea Insurance plc.***

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li peremezz tieghu l-atturi nomine, wara li **ppremettew**: illi fl-1 ta’ Frar 1998 gewwa Qormi Road, Luqa, waqt li l-konvenut kien qed isuq il-karozza numru BJS-018 huwa habat mal-karozza numru KAV-117 misjuqa minn u propjeta’ tal-attur Joseph Vella u assikurata taht polza ‘comprehensive’ mal-attur nomine; illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba taskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi in vista tal-imsemmija polza l-attur nomine ghamel tajjeb ghad-danni kagunati mill-konvenut fil-karozza assikurata mieghu; illi d-danni kollha sofferti mill-attur nomine b’konsegwenza tal-incident fuq imsemmi jammontaw ghal elf seba’ mija u tlieta liri Maltin (LM 1,703.00) li jinkludu hamsa u sebghin lira Maltin (LM 75) ‘excess’ imhallas mill-assikurat tal-attur nomine, hekk kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenut ghalkemm interpellat biex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru 1998, huwa baqa’ inadempjenti.

**Talbu** li l-konvenut jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti :

1. m’ghandux jigi dikjarat unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur noe et;

2. m’ghandhiex tillikwidadawn id-danni fis-somma ta’ elf seba’ mija u tlieta liri Maltin (LM 1703.00) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti okkorendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. konsegwentement ma ghandhux il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur noe et in linea ta’ danni l-ammont hekk likwidat.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Ottubru 1998, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mac-citazzjoni kontra l-assikurazzjoni tal-konveniut ai termini tal-Kap 104 li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine, u l-lista tax-xhieda;

Rat li b’ digriet tas-26 ta’ Ottubru 1999 il-Qorti awtorizzat l-intervent fil-kawza tas-Socjeta’ Middle Sea Insurance plc.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Middle Sea Insurance plc. li peremezz taghha ecceppiet illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infundati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti ghal dawn ir-ragunijiet: illi l-incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta’ Jannar 1998 gewwa Qormi Road, Luqa bejn il-vettura numru BJS-018 misjuqa mill-konvenut u l-vettura numru KAV-117 misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici sehh unikament minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-assikurat tas-socjeta attrici kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti sejra tipprevalixxi ruha mill-fakulta’ moghtija lilha permess ta’ l-Artikolu 396 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tipprezenta il-kontro-talba hawn wara annessa; Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ din l-istess socjeta’, guramentata minn Andrew Pizzuto ghan-nom taghha, u l-lista tax-xhieda;

Rat il-kontro talba tal-istess socjeta’ Middle Sea Insurance plc. fejn wara li **ppremettiet**: illi fl-1 ta’ Frar 1998 gewwa Qormi Road, Luqa waqt li r-rikonvenut kien qieghed isuq il-vettura numru KAV-117 huwa habat mal-vettura numru BJS-018 misjuqa mill-konvenut Brandon Sammut, liema vettura kienet assikurata tahtt polza ‘comprehensive’ mas-socjeta esponenti; illi dan l-incident sehh unikament b’tort ta’ l-attur minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ l-istess rikonvenut kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi in vista ta’ l-imsemmija polza, is-socjeta esponenti ghamelt tajjeb ghad-danni kagunati mir-rikonvenut kemm fil-vettura tal-konvenut kif ukoll fil-vettura ta’ terza persuna Reno Muscat, u ukoll involut fl-incident mertu tal-kawza odjerna; illi d-danni kollha sofferti mis-socjeta’ esponenti b’konsegwenza ta’ l-incident hawn fuq imsemmi

jammontaw ghal elfejn, hames mija u wiehed u temin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (LM 2,581.99); illi s-socjeta esponenti resqet l-ilmenti taghha lis-socjeta rikonvenuta u talbet sabiex tigi kkumpensata, izda din baqghet inadempjenti;

**Talbet** li r-rikonvenut et jghid ghaliex ghar-ragunijiet suesposti, m'ghandied din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-attur rikonvenut unikament responsabbli ghall-incident u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-konvenut rikonvenzjonant et;
2. tillikwida d-danni fis-somma ta' elfejn, hames mija u wiehed u temin liri Maltin u disgha u disghin centezmu (LM 2,581.99) fuq imsemmija jew kull somma ohra verjuri li tigi likwidata minn din l-Onrorabbli Qorti okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;
3. tikkundanna lill-istess attur rikonvenut sabiex ihallas lis-socjeta esponenti s-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra r-rikonvenut et li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' din is-socjeta', guramentata minn Andrew Pizzuto, u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjoniji tas-socjeta' attrici Gasan Mamo Insurance Agency Limited in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc u tal-attur Joseph Vella ghall-kontro talba ta' Middle Sea Insurance plc. li peremezz taghha eccepew:

1. in-nullita' tal-kontro-talba tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc stante li din m'hijiex parti fil-kawza odjerna izda hija intervenut fil-kawza awtorizzata biex tosserva l-proceduri u ai termini tal-Artiklu 396 et seq tal-Kap. 12 kontro-talba tista' ssir biss mill-konvenut li fil-kaz odjern huwa Brandon Sammut;
2. illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet tas-socjeta' Middle Sea Insurance pls huma nfondati fil-fatt fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess Middle Sea Insurance pls stante li

l-incident awtomobilistiku in kwistjoni sehh unikament tort tal-konvenut Brandon Sammut minhabba imperizja, traskuragni u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Brandon Sammut;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota prezenta mis-socjeta’ GasanMamo Insurance Limited li permezz taghha assumiet l-atti kollha tal-kawza odjerna bhala attur minflok is-socjeta’ Gasan Mamo Insurance Agency Limited, u din in rappresentanza tas-socjeta’ assikuratrici estera CGU Insurance plc.

Rat in-nota ta’ din l-istess socjeta’, prezentata fis-16 ta’ Frar 2000, fejn hija cediet l-atti tal-kontro talba;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad data tallum;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat:-

***Kwadru tal-fatti***
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-1 ta’ Frar 1998 ghal habta tas-6.45 am. sehh incident awtomobilistiku go Qormi Road Luqa, meta l-konvenut Brandon Sammut li kien qed isuq karrozza tal-ghamla Hyundai nurmu BJS-018 laqat il-vettura tal-ghamla Peugeot numru KAV-117 misjuqa mill-attur Joseph Vella. Fl-isetss incident giet involuta wkoll il-vettura tal-ghamla Volkswagen numru EAE-259 misjuqa minn certu Reno Muscat.

Illi l-incident sehh meta Joseph Vella, li kien tiela’ t-tela li taghti ghal Hal Luqa, gibed lejn in-nofs tat-triq sabiex jikser fuq il-lemin u jaqsam il-karreggjata opposta. Dak il-hin, isuq warajh kien hemm Reno Muscat, u f’ hin minnhom, il-konvenut Brandon Sammut li kien wara dan tal-ahhar, ipprova jghamel manuvra ta’ sorpass taz-zewg vetturi, izda hekk kif wasal paralleli mal-vettura ta’ Muscat, sab il-vettura ta’ Joseph Vella wieqafa qed tistenna l-

karrozzi mid-direzzjoni opposta nizlin sabiex tkun tista taqsam. Il-konvenut Sammut pprova jghamel manuvra evasiva billi jdur fuq ix-xellug biex jipprova jevita l-kollizzjoni ma' Vella, izda ma rnexxielux, bir-rizultat li laqat il-vettura tal-attur, laqat il-hajt, u minn naha tieghu Reno Muscat sofra hsara fil-vettura tieghu.

Illi rizultat ta' dan l-incident il-vettura tal-attur sofriet danni li fit-termini tac-citazzjoni jammontaw ghal Lm1,703. liema somma tinkludi is-somma ta' Lm75 *excess* imhallas mill-assikurat tal-attur nomine.

***Konsiderazzjonijiet tal-Qorti***

Illi stante li l-partijiet involuti, principalment l-attur Joseph Vella u l-konvenut Brandon Sammut taw versjonijiet tal-incident, li f' certu aspetti determinanti jikkontrastaw ma' xulxin, il-Qorti tikkonsidera opportun li taghti sintesi ta' dawn il-versjonijiet biex dawn jigu ezaminati u valutati, anke fid-dawl tax-xhieda ta' Reno Muscat, bi skop ahhari li din il-Qorti tasal ghall-posizzjoni reali dwar il-fatti li taw lok ghall-incident odjern, u l-eventwali determinazzjoni tal-responsabilita' ghall-akkadut.

*Versjoni ta' l-attur Joseph Vella*

Illi fid-deposizzjoni tieghu dan sostna li huwa kien qed isuq fuq gewwa tal-karreggjata man-naha tal-hajt tiela' lejn Hal Luqa. Meta kien circa mitt metru l' boghod mill-post fejn ried jikser ghal-lemin sabiex jidhol fid-direzzjoni tal-Qasam Industriali ta' Hal Luqa, huwa xeghel l'indicator biex jghamel sinjal li kellu hsieb li jikser ghal-lemin u qala' bil-mod minn mal-hajt u gibed lejn nofs it-triq. *"Saq ma waqaft bdejt naqla' bil-mod il-mod 'barra biex nidhol hemm gew…..dak il-hin warajja ma kien hemm xejn"*[1]

Meta wasal fil-post fejn ried jikser fuq il-lemin u jaqsam il-karreggjata opposta, huwa waqaf, u dam wieqaf circa zewg minuti, biex jistenna l-karrozzi li kienu nizlin mid-direzzjoni opposta jghaddu. Sadanittant l-vettura kienet wieqfa bid-dritt, izda lejn nofs it-triq. Hin minnhom meta kien ghadu wieqaf, hass daqqa fuq wara u l-vettura

[1] Fol.64

tieghu tkaxkret circa tlieta jew erba piedi. Huwa sostna li f’ dak iz-zmien fit-triq ma kienx hemm *road markings* fit-triq. Huwa pacifiku li t-triq hija wiesa’.

*Versjoni tal-konvenut Brandon Sammut*
Illi fid-deposizzjonijiet tieghu, dan il-konvenut qal li t-tlett vetturi kienu qed isuqu wara xulxin. Huwa kien qed isuq wara Reno Muscat li quddiemu kellu lill-attur Joseph Vella qed isuq il-Peugeot. *“konna fuq in-naha ta’ gewwa ovvjament u mbaghad jien, hrigt fuq l-outer lane biex naqbez; malli gejt bi dritt it-tieni karrozza, ta’ l-ewwel karrozza hareg quddiemi u waqf zopptu, u jien ovvjament ghafast il-brake…u pprovajt niskapulaha”* izda laqat il-Peugeot fuq in-naha ta’ wara taghha.

Il-konvenut sostna li l-attur ma ghamillu ebda indikazzjoni li kien ser johrog. *“xejn dak il-hin just hargitli hekk u waqfet zopptu biex taqsam ghan-naha l-ohra.”*[2] Fuq mistoqsijiet ulterjuri dwar jekk l-attur xeghelx l-indicator, ix-xhud irrisponda *“Le, ma jidhirlix, harigli u waqafli.”*[3]

Huwa qal li meta kien qed jipprova jiskapula l-Peugeot huwa *“Gbidt l-isteering in-naha ta’ gewwa, ghafast il-brake fl-istess hin li hadt il-wara tieghu, u lqatt il-qudiem tieghu; malli dort hekk qisni mmullajt ruhi”* - biex jipprova jevita li jidhol fih, izda intlaqat mill-vettura ta’ Reno Muscat, u sussegwentement habat mal-hajt bin-naha xellugija tal-vettura tieghu. *“Malli wasalt mat-tieni karrozza jiena, harget fuq il-linja ta’ barra, u waqqfet zopptu quddiemi.”*[4] Spjega li huwa ma laqtux fuq il-lemin ghax pprova jiskapulah u ghalhekk laqtu fuq wara xellugi. Izda ma setghax jispjega kif saret il-hsara fuq in-naha xellugija kollha tal-Peugeot.

Il-konvenut sostna li huwa huwa kien ghaddej fuq third gear, b’ velocita’ ta’ circa 35-40 km fis-siegha; u li fil-mument tas-sorpass huwa seta’ jara l-vettura tal-attur

---

[2] Fol.90
[3] Fol.93
[4] Fol.95 u 98

Sostna kategorikament li f' dik il-parti tat-triq kien hemm *double line* li jibqa' sejjer sar roundabout li hemm ftit aktar il' fuq. Dan il-fatt gie sostnut kategorikament anke minn missieru Michael Sammut fix-xhieda tieghu.

*Versjoni ta' Reno Muscat*

Dan xehed li huwa kien qed isuq wara l-vettura misjuqa minn Joseph Vella. Hin minnhom ra l-indicator ta' din il-vettura jixghel *"ha jigbed [Joseph Vella]ghan-nofs lejn il-line tan-nofs..*"[5] biex idur fuq il-lemin. Ix-xhud qal li mill-mera huwa *"ra karrozza gejja ma genbi u mhux qed tinduna li ta' quddiemi xeghel l-indicator u ser jieqaf ghax dan ried jistenna l-karrozzi gejjin mill-faccata biex idur."* Fi ftit sekondi, il-konvenut laqat il-vettura ta'l-attur li kienet quddiemu, ghadda minn quddiemu, habat mal-hajt, habat mal-vettura tax-xhud Reno Muscat, u *"baqa' hiereg il-barra minni".*

Ix-xhud qal li l-konvenut kien ghaddej b' velocita' li kienet tissupera dik li kien ghaddej biha hu *"rajtu fil-mera u f' kemm ili nghidlek rajtu ma genbi"*[6].

Huwa ikkonferma d-dikjarazzjoni rilaxxjata minnu fis-16 ta' Frar 1998 lis-socjeta' li maghha kien assikurat. [7] F' din id-dikjarazzjoni hemm imnizzel *"Suddenly the driver of the van switched on his indicator and at the same time started turning to his right without noticing the Hyundai. It is to be pointed out that the Hyundai was on the correct side of the road"*

***Konfigurazzjoni tat-triq***

Illi l-incident sehh go Qormi Road, Hal Luqa meta t-tlett vetturi involuti kienu t-tlieta kemm huma sejrin fid-direzzjoni ta' Hal Luqa. It-triq hija wiesa' u, skond kif jidher mill-iskizz tal-pulizija, hemm *continuous white line* f' nofs il-karreggjata li hija *dual carriageway*, izda fil-parti tat-triq fejn sehh l-incident din il-linja medjana hija *broken*, stante li fuq in-naha tax-xellug tat-triq inti u tiela' hemm side road li taghti ghal Qasam Industrijali ta' Hal Luqa.

[5] Fol.77
[6] Fol.78
[7] Fol.75

Ghalhekk, kif jirrizulta car mill-imsemmi skizz, ghall-finijiet u effetti tal-ligi dik il-parti tat-triq tikkwalifika bhala T junction.

Illi rigward il-linja medjana f' nofs il-karreggjata hemm kontradizzjoni diammetrika fil-versjonijiiet tal-partijiet fil-kawza; ghax, filwaqt li l-attur sostna li fiz-zmien tal-incident ma kien hemm ebda *road markings* fit-triq, il-konvenut u missieru Micahel Sammut sostenew li dan ma kien veru xejn, ghax fil-post kien hemm *continuous double white line*, u in sostenn tat-tesi tieghu l-imsemmi Micahel Sammut esebixxa ritratt.[8] L-attur minn naha tieghu sostna li l-linji doppji kontinwi, esistenti illum, kienu saru ftit taz-zmien wara l-incident in disamina.

***Road markings***

Illi in propositu, din il-Qorti wara ezami tal-provi relattivi, hija tal-fehma li ghandha taccetta bhala veritiera il-posizzjoni kif tidher fuq l-iskizz tal-pulizija, u cioe' li dak in-nhar tal-incident, fil-post in kwistjoni, kien hemm *continuous-cum-broken white line*. Din il-konkluzjoni hija bazat fuq il-konsiderazzjoni li, ghalkemm l-iskizz kien gie esebit mis-surgent[9] matul id-deposizjoni tieghu u konfermat minnu , u ghalkemm kien jidher car li dan l-aspett huwa wiehed mill-fatturi relevanti ghall-finijiet ta' responsabbilita', hadd mill-partijiet ma interroga lill-istess surgent fuq dan l-aspett[10]. Inoltre, ix-xhieda ta' Micahel Sammut, in propositu mhijex affidabbli, u l-Qorti qed tiskartaha. Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija lecita u logika l-konkluzjoni tal-Qorti li tistrih fuq element ta' prova mressq minn persuna li ghandha l-kariga ta' ufficjal pubbliku, u li hija estranea ghall-incident.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi sabiex tigi stabbilita d-determinazzjoni tar-responsabbilita' ghall-incident in disamina, huwa opportun

[8] Dok.Ms – li, nonostante li fil-bidu tax-xhieda tieghu dan ix-xhud sostna li dan ir-ritratt kien hadu l-ghadha tal-incident, irrizulta sussegwentement li fuq in-naha ta' wara tieghu dan ir-ritratt kellu indikata id-data 25 ta' April 2000.

[9] Ps.679 Saviour Camilleri

[10] La f' dik l-istess seduta u lanqas f' seduta sussegwenti

li jsir analizi aktar dettaljat tal-komportament ossia sewqan tal-partijiet fil-ftit minuti precedenti l-incident, u li dan jigi ezaminat fid-dawl tal-obbligi u doveri taghhom fis-sewqan kif johorgu bazikament mir-regolamenti indikati fil-Highway Code, u l-obbligu generali ta' kull sewwieq li waqt is-sewqan jesercita dak il-grad ta' diligenza u prudenza, dettat mic-cirkostanzi, u li huwa ragjonevolment mistenni minn *bonus paterfamilias.*

Illi din il-Qorti, wara ezami akkurat tal-provi, u wara debita valutazzjoni, hija tal-fehema li, f' dawk l-aspetti kontrastanti tax-xhieda tal-partijiet, ghandha taghti certu piz lid-deposizjoni tax-xhud Reno Muscat li, ghalkemm kien involut f' dan l-incident, huwa kien involut incidentalment fis-sens li ma kienx il-kawza tal-istess; u inoltre, sa certu punt, jista' jigi kkunstrat parti estranea ghall-vertenza in disamina.

***Versjoni Attur Joseph Vella***

Fil-versjoni tieghu dan l-attur spjega li meta huwa kien circa mitt metru l' boghod minn fejn ried jikser ghall-fuq il-lemin biex jaqsam il-karreggjata tan-naha l-ohra, huwa xeghel l-indicator, beda jaqla' bil-mod il-mod minn mal-hajt tax-xellug tieghu ghal nofs it-triq biex eventwalment jghamel il-manuva propsettata, u cioe' dik li jinserixxi ruhu fuq il-karreggjata ta' barra u sussegwentement jikser ghal fuq il-lemin. Huwa sostna li kien hares warajh izda *"dak il-hin warajja ma kien hemm xejn".* Sostna wkoll, u b' mod kategoriku, li qabel ma grat il-habta huwa kien ilu wieqaf f' nofs it-triq, u bid-dritt taghha, ghal circa zewg minuti.

Illi in propositu il-Qorti tosserva li, ghalkemm l-ewwel parti tax-xhieda tal-attur tinsab konfermata mix-xhieda ta' Reno Muscat, mhux hekk jista' jinghad ghall-allegazzjoni tieghu li huwa dam wieqaf circa zewg minuti qabel ma grat il-habta. Dan qed jinghad ghax, apparti mill-fatt li, fil-fehema tal-Qorti, il-hin ta' zewg minuti *ex facie* jidher li kien, fic-cirkostanzi rragjonevolment twil; mid-deposizjoni tal-imsemmi Muscat jidher car li bejn il-manuvra tal-attur u dak tal-konvenut ma kienx hemm tul ta' hin. Muscat qal li hu ra *"karrozza gejja ma genbi [dik tal-konvenut] u mhux qed tinduna li ta' quddiemi [l-attur] xeghel l-indicator u* ***ser***

*[ipsis verbis] jieqaf ghax ried jistenna l-karrozzi gejjin mill-faccata biex idur"*[11] Din id-deskrizzjoni ta' l-akkadut ftit minuti jew ahjar ftit sekondi qabel l-incident, tismentixxi l-allegazzjoni tal-attur li hu kien ilu wieqaf circa zewg minuti. Mill-posizzjoni tal-vetturi fuq l-iskizz tal-pulizija kif ukoll mill-posizzjoni tad-daqqa fuq il-vettura tal-attur, il-Qorti taccetta bhala veritiera it-tesi tieghu li meta l-attur qala'd-daqqa huwa kien diga'inserixxa ruhu bid-dritt fuq in-naha ta' barra tal-karreggjata, kif ukoll li fil-ftit sekondi qabel l-incident il-vettura kienet wieqfa, izda certament mhux li kien ilu wieqaf izjed minn ftit sekondi.

Illi fattur iehor li jitfa' dawl negattiv fuq is-sewqan tal-attur, jemergi mir-risposta tieghu ghad-domanda li saritu, jekk meta huwa kien qed jaghmel il-manuvra fuq deskritta huwa kienx hares lejn *"it-traffiku li kien hemm wara, warajk"*. Huwa irrisponda: *"u zgur li harist. Dak il-hin warajja ma kien hemm xejn".*[12] Il-Qorti tosserva f' dan ir-rigward li l-fatti jismentixxu din l-asserzjoni. Fil-fatt wara l-attur kien hemm traffiku: kien hemm Reno Muscat warajh u li rah jaghmel il-manuvra, u wara dan, irrizulta li kien hemm il-konvenut. Dan jirrizulta ampjament mill-provi. Mela d-domanda li logikament timponi ruhha f' dan ir-rigward hi: Jekk verament l-attur hares lejn in-naha ta' wara, u jekk dan ma rax traffiku, allura kif jispjega li ma ra lil hadd minn dawk li kienu warah, lanqas il-vettura misjuqa minn Reno Muscat li kien warajh qed josserva l-movimenti tieghu?

Dawn il-konsiderazzjonijiet wasslu lil din il-Qorti ghall-konkluzjoni li, ghalkemm l-attur xeghel l-indicator biex jissenjala lil ta' wara li kien ser jigbed fuq il-lemin u ghalkemm din il-manuvra jidher li ghamilha gradatament, il-provi juru li huwa ma esplorax adegwatament in-naha tat-triq li kien ser jinvadi. Fi kliem iehor ma kienx qed izomm *proper look out* ghal xi vetturi li setghu kienu gejjin jew jghaddu minn dik il-parti tat-triq: obbligu li kien jinkombi fuqu bhala sewwieq li kien ser jinvadi karreggjata (interna) ohra; liema obbligu kien jikkonsisti filli huwa jesplora b'attenzjoni kbira dik il-parti tat-triq u ma jinvadix

[11] Supra
[12] Fol.64

dik il-linja tat-traffiku qabel ma jaccerta ruhu li seta' jaghmel u jittermina l-manuvra tieghu minghajr riskju u perikolu ghal utenti ta' dik il-parti tat-triq. Huwa kellu l-obbligu mhux biss li jissenjala adegwatament l-intenzjoni tieghu, izda li jkun pienament konxju tal-moviment u traffiku li jkun qed isegwih fil-mument meta jkun ser jittanta l-manuvra riskjuza li kien intenzjonat jaghmel. Inoltre, kellu l-obbligu li jaccerta ruhu li ta warajh fehmu l-intenzjoni tieghu. *"He must satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal"*[13] u *"The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can that they have been understood"*[14] Illi fil-kaz in disamina, l-attur mhux biss naqas mill-obbligu li jaccerta ruhu li t-traffiku ta warajh fehem l-intenzjoni tieghu, izda naqas li jesplora tajjeb il-posizzjoni u l-movimenti tal-*following traffic*, tant li hu xehed li warajh ma kien hemm xejn.

L-attenzjoni li kellu jesercita l-attur fic-cirkostanzi kienet akbar, stante li huwa kien ser jinvadi dik il-parti tat-triq biex jieqaf, u ghalhekk kien ser ikun mhux biss ta' tfixkil ghat-traffiku ghaddej minn hemm imma ta' ostakolu stazjonarju f' dik il-parti tat-triq, u li allura l-manuvra tieghu kienet aktar riskjuza u aktar perikoluza.

Illi in vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li dawn in-nuqqasijiet da parti tal-attur kienu fatturu kontributorji ghall-incident, u jifformaw parti mill-kawza prossima u immedjata tal-istess.

***Versjoni Konvenut***

Illi fix-xhieda tieghu, il-konvenut Sammut sostna li waqt huwa kien ghaddej wara l-vettura misjuqa minn Reno Muscat, huwa kien konxju li quddiem kien hemm il-vettura tal-attur. Huwa qal li, waqt il-manuvra ta' sorpass, hekk kif gie paralleli mal-vettura ta' Muscat, l- attur *"hareg quddiemi u waqaf zopptu"*[15] Illi mill-versjoni tal-konvenut

---

[13] Buchanan ***Liability in Motor Cases*** – citat fis-sentenza: PA (GV) ***Angelo Giordmania vs Silvio Coleiro*** kwotatat fis-sentenza App.Civ. ***Jurgen Doubler vs Anthony Caruana*** deciza 5 ta' Otturbu 1998 – Vol.LXXXII.II.514

[14] Wilkinson – ***Road Traffic Offences***

[15] Supra

hija necessarja l-konklzjoni li meta dana ghamel il-manuvra ta' sorpass huwa ma kienx qed izomm *proper look out* kif kienu jirrikjedu c-cirkostanzi.

Illi in propositu huma opportuni is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi in tema legali ghandu jinghad li, ghalkemm il-manuvra ta' sorpass hija wahda legittima, *"imma meta s-sorpass isir b' mod inkuranti ta' dak li jistghu jkunu ntenzjonati li jaghmlu l-vetturi ta' quddiem is-sorpassant u f' post fejn dawk il-vetturi setghu ukoll legittimament jaghmlu manuvra biex jduru lejn il-lemin taghhom biex jidhlu go junction li jkun qed javvicinaw, [allura] s-sorpass isri censurabbli ghaliex seta' jkun fattur li jipprovoka incident …. Hu proprju ghalhekk illi r-regolamenti jesigu illi m' ghandux isir sorpass vicin junction"*[16] *"Regola importantissima ghas-sorpass hi li dan ghandu jsir b' sikurezza …. Il-kwistjoni ta' overtaking tista' tiehu aspett ferm specjali fic-cirkostanzi partikolari tal-lokalita'….. overtaking ikun perikluz li jsir meta driver prudenti jista' jipprevedi li l-vettura li jkun qed jaqla' tista' tbiddel ir-rotta"*[17] *"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or to others"*[18]

Illi fil-meritu jigi osservat li, gia la darba l-konvenut kien ser jaghmel manuvra biex jissorpassa <u>zewg vetturi</u>, u cioe' dik ta' quddiemu misjuqa minn Reno Muscat, u dik misjuqa mill-attur, huwa kellu d-dover li jaccerta ruhu mill-movimenti ta' dawn iz-zewg vetturi, u cioe' li hadd minnhom ma ghandu il-hsieb li jgbed ghal fuq il-linja ta' traffiku li kien ser juza biex jeffettwa l-manuvra ta' sorpass. Jidher car li l-konvenut kien mankanti f' dan id-dmir tieghu; tant ma kienx qed izomm *a proper look out* u tant ma qaghadx attent ghall-movimenti tal-vetturi li kien ser jissorpassa, <u>li huwa ma rax il-vettura tal-attur taghmel il-manuvra gradwali taghha bl-indicator mixghul</u>. Mhux minnu li l-attur hareg f' salt quddiem il-konvenut, ghax il-provi kif fuq indikat juru mod iehor. L-izball tal-attur, ma

---

[16] App.Civ. ***Jurgen Doubler vs Anthony Caruana*** - *supra*

[17] Kazistika citata fis-sentenza - PA (GV) ***Angelo Giordimania vs Silvio Coleiro*** *(supra)*

[18] Highway Code – Para. 71

kienx li hareg f' salt, izda li waqaf malli hareg, minghajr ma qaghad attent ghat-traffiku ta' warajh.

Illi inoltre l-obbligu tal-konvenut li jezercita grad gholi ta' diligenza kien akbar f' dawn ic-cirkostanzi, ghax, apparti l-fatt li dana kien ser jissorpassa zewg vetturi, is-sorpass kien qed jigi effettwat vicin junction meta wiehed ghandu ragjonevolment jistenna li vetturi jistghu jduru ghal fuq il-lemin. Dan il-perikolu jifforma l-bazi tal-kontenut tal-paragrafu 74 tal-Highway Code li fil-paragrafu (ii) jghid: *"Do not overtake at or when approaching a road junction……IF IN DOUBT – HOLD BACK ".*

***Responsabbilita'***

Illi, kunsidrat il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma li l-incident sehh b' nuqqasijiet da parti ta-zewg partijiet, kif fuq indikat, u li ghalhekk dawn ghandhom igorru il-piz tar-responsabbilita' tal-akkadut fi kwoti ndaqs bejniethom.

***Danni***

Illi rigward it-tieni talba relattiva ghall-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti tosserva li l-atturi qed jirreklamaw is-somma ta' **Lm1,703** li tinkludi spejjez ta' hsarat, ta' survey fees, tar-road accident report, ta' kiri ta' vettura u ta' *excess* dovut mill-attur Joseph Vella, u gew esebiti kopji ta' dokumenti relattivi ghal xi uhud minn dawn l-ispejjez.[19] Illi ma saret ebda kontestazzjoni dwar dan l-aspett tal-kawza, u ghalhekk, il-Qorti ser taccetta l-imsemmija somma bhala d-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi. Ghalhekk din it-talba qed tigi milqugha in kwantu ghal-nofs l-ammont rekalmat, cioe' **Lm851.50**

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi: fuq l-ewwel talba, billi, previa rigett parzjali tal-eccezzjoni tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc. tiddikjara li r-responsabbilita' ghall-incident odjern ghandha tinqasam fejn iz-zewg partijiet fi kwoti indaqs bejniethom; tilqa' t-tieni talba attrici fis-sens li tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi fl-ammont ta' Lm1,703; u tiddisponi mit-tielet talba fis-sens li

[19] Affidavit Hugh P. Zammit – Fol.34 *et seq.*

tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-atturi, nofs l-imsemmi ammont, eqwivalenti ghas-somma ta' ***tmien mija wiehed u hamsin lira maltin u hamsin centezmu (Lm851.50c)*** bhala sehemu mid-danni; bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati miz-zewg partijiet fi kwoti wgwali bejniethom.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kontro talba tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc, stante li din giet ceduta b' nota prezentata minnha fis-16 ta' Frar 2000.[20]

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[20] Fol.50